MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Numru. 610/2003

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Mamo**

**vs**

**Guido Agius**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Guido Agius ta’ 50 sena iben Carmel u Andreana Agius, imwieled Ghaxaq fl-24 ta’ Gunju 1953 residenti ‘Reece’, Gudju Road, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 462553 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’ dawn il-Gzejjer, f’ dawn l-ahhar xhur, fil-perjodu ta’ bejn l-1 ta’ Marzu 2003 u l-15 ta’ Lulju 2003,

B’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn erba’ t’ elef lira Maltin (Lm 4,000) ghad-dannu ta’ socjeta’ Bugeja Bors. Ltd., u persuni ohra dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali ta’ 11 ta’ Marzu 2005 (a folio 123 tal-process) fejn huwa deherlu li fil-konfront ta’ l-imputat tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-imputat fis-seduta tal-27 ta’ Gunju 2008 ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat Guido Agius ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tas-19 ta’ Gunju 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat hallas il-parti civile kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Philip Bugeja esebita a folio 60 tal-process u dan fi stadju bikri hafna ta’ dawn il-proceduri.

Wara li rat l-Artikoli 308 u 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien (1) sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------